

Brussell, 24 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11940/25

TRANS 318

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 384 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar il-progress li sar lejn il-kisba tal-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni u l-funzjonament tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji f'dan il-kuntest

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 384 final.

Mehmuż: COM(2025) 384 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 14.7.2025
COM(2025) 384 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

dwar il-progress li sar lejn il-kisba tal-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni u l-funzjonament tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji f'dan il-kuntest

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

dwar il-progress li sar lejn il-kisba tal-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni u l-funzjonament tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji f'dan il-kuntest

Introduzzjoni

L-Artikolu 53 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea¹ jirrikjedi li l-Kummissjoni tirrapporta dwar il-progress li jkun sar lejn il-kisba tal-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni u l-funzjonament tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji ("l-Aġenzija") f'dan il-kuntest mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva.

Dan, l-ewwel rapport ta' dan it-tip, ikopri l-perjodu mis-16 ta' Ġunju 2016 sat-30 ta' Ġunju 2024.

Barra minn hekk, l-Artikolu 53(1) jgħid li r-rapport se jinkludi wkoll evalwazzjoni tal-implimentazzjoni u l-użu tar-reġistri taħt il-Kapitolu VII – jiġifieri r-Reġistru Ewropew tal-Vetturi (EVR, European Vehicle Register), ir-Reġistru Ewropew tat-Tipi ta' Vetturi Awtorizzati (ERATV, European Register of Authorised Vehicle Types) u r-Reġistru tal-Infrastruttura (RINF, Register of Infrastructure) – u analiżi tal-każijiet stabbiliti fl-Artikolu 7 (jiġifieri każijiet ta' nuqqas ta' applikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' interoperabbiltà (TSIs) li jinvolvu proġetti individwali).

Fl-aħħar nett, huwa jagħti struzzjonijiet lill-Kummissjoni biex twettaq analiżi tal-applikazzjoni tal-Kapitolu V, jiġifieri d-deċiżjonijiet mill-entitajiet awtorizzanti, l-Aġenzija u/jew l-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza (NSAs, national safety authorities) dwar it-tqegħid fis-suq ta' vetturi ferrovjarji u t-tqegħid fis-servizz ta' installazzjonijiet ferrovjarji fissi u dwar l-approvazzjoni mill-Aġenzija ta' proġetti maġenb il-binarij tas-Sistema Ewropea tal-Ġestjoni tat-Traffiku Ferrovjarju (ERTMS). B'mod partikolari, il-valutazzjonijiet jiffukaw fuq il-funzjonament tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni konklużi bejn l-Aġenzija u l-NSAs biex jiffaċilitaw it-teħid konġunt ta' deċiżjonijiet.

Id-dettalji dwar l-attivitajiet tal-Aġenzija u l-progress miksub dwar is-sikurezza u l-interoperabbiltà ferrovjarja huma koperti mir-rapporti dwar is-sikurezza u l-interoperabbiltà, li għandhom jiġu ppubblikati mill-Aġenzija kull sentejn skont l-Artikolu 35(4) tar-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004².

Dan ir-rapport ifittex li jevita d-duplikazzjoni mal-evalwazzjoni u r-rappurtar meħtieġa skont l-Artikolu 82 tar-Regolament (UE) 2016/796, li huwa fejn il-Kummissjoni se tivvaluta l-

¹ ĠU L 138 26.5.2016, p. 44., ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2016/797/>

² ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1., ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2016/796/>

funzjonament tal-Aġenzija u s-sistema doppja li taħtha l-NSAs u l-Aġenzija jagħtu awtorizzazzjonijiet, ċertifikazzjonijiet u approvazzjonijiet.

L-Istati Membri ttrasponew id-Direttiva (UE) 2016/797 fi tliet fażijiet. Skont l-Artikolu 57(1) tad-Direttiva, il-miżuri għall-konformità mal-obbligi msemmija f'dak l-Artikolu kellhom jiġu adottati sas-16 ta' Ġunju 2019. Madankollu, l-Artikolu 57(2) ipprova lill-Istati Membri bil-possibbiltà, wara notifika lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija, li jestendu din l-iskadenza sas-16 ta' Ġunju 2020). Bħala parti mill-miżuri ta' emerġenza b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19, ġiet introdotta skadenza addizzjonali tal-31 ta' Ottubru 2020 għat-traspożizzjoni. Il-Kummissjoni kkontrollat il-kompletezza tan-notifiki tal-Istati Membri dwar kif kienu ttrasponew id-Direttiva (UE) 2016/797. Abbażi tar-riżultati tal-kontrolli tal-kompletezza, infetħu 13-il proċediment ta' ksur għal nuqqas ta' komunikazzjoni. Wara li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kienu nnotifikaw testi legali addizzjonali, il-Kummissjoni għalqet 12 minn 13-il proċediment sa Mejju 2025.

Il-kontrolli tal-konformità dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/797 tlestew għal sitt Stati Membri, akkumpanjati minn kwestjonarji tal-EU-Pilot, li bħalissa l-Kummissjoni qed tevalwa t-tweġibiet għalihom. Il-kontrolli tal-konformità dwar il-leġiżlazzjoni fil-bqija tal-Istati Membri għadhom għaddejjin bil-ħsieb li tiġi vvalutata l-konformità u l-ħtieġa li jinfetħu kwestjonarji tal-EU-Pilot jew proċedimenti ta' ksur.


Permezz ta' flussi ta' ħidma oħra, sa tmiem il-perjodu tranżitorju (il-31 ta' Ottubru 2020) il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati rilevanti għall-finijiet ta' dan l-ewwel rapport.

1. Tneħħija tar-regoli nazzjonali


F'Ġunju 2024, l-Aġenzija kkalkulat li kien għad hemm 796 regola nazzjonali applikabbli fl-Istati Membri skont l-Artikolu 14 tad-Direttiva (UE) 2016/797, jiġifieri dawk rilevanti għall-awtorizzazzjoni tal-vetturi u l-installazzjonijiet fissi (li qabel kienu jissejħu kollettivament bħala regoli tekniċi nazzjonali) fl-Istati Membri tal-UE, tnaqqis minn 13 459 f'Jannar 2016. Il-progress lejn it-tneħħija tar-regoli nazzjonali dwar l-awtorizzazzjoni tal-vetturi mill-2016 'l hawn huwa muri fil-Illustrazzjoni 1, b'aktar dettalji tal-progress mill-2020 'l hawn murija fil-Illustrazzjoni 2. Ta' min jinnota li, il-progress fit-tindif tar-regoli nazzjonali għadu fil-bidu tiegħu. Dan ifisser li għal xi pajjiżi l-Aġenzija għadha qed tivvaluta l-ewwel sett ta' regoli nnotifikati skont l-Artikolu 14(1)(a) tad-Direttiva (UE) 2016/797.

Ir-regoli nazzjonali dwar is-sikurezza – dawk ikkunsidrati meta l-Aġenzija toħroġ ċertifikati uniċi tas-sikurezza (SSCs, single safety certificates) – jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija skont l-Artikolu 8 tad-Direttiva (UE) 2016/798³ u għalhekk ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-rapport dwar l-interoperabbiltà.

³ Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja, ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/2016/798/>



Illustrazzjoni 1: Progress lejn it-tneħħija tar-regoli nazzjonali dwar l-awtorizzazzjoni tal-vetturi bejn Jannar 2016 u Ġunju 2024 (EU-28 inkluż ir-Renju Unit sa tmiem l-2019; Sors: l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA, European Union Agency for Railways))



Illustrazzjoni 2: Tindif tar-regoli nazzjonali għall-awtorizzazzjoni tal-vetturi bir-regoli li jifdal bejn Jannar 2020 u Ġunju 2024, EU-27 (Sors: ERA)

2. Reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' interoperabilità (TSIs, technical specifications for interoperability) tal-2023

Fil-preżent, ġew adottati u riveduti 11-il TSI permezz ta' Regolamenti tal-Kummissjoni u Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni. Dawn it-tliet TSIs funzjonali u tmien TSIs strutturali jiffurmaw il-qafas regolatorju tekniku għas-subsistemi ferrovjarji. It-TSIs funzjonali jkopru l-operat u l-ġestjoni tat-traffiku (OPE, operation and traffic management⁴), l-applikazzjonijiet telematiċi (jiġifieri tal-kompjuter/kompjuterizzati) għas-servizzi tal-passiġġieri (TAP, telematics applications for passenger services⁵) u l-applikazzjonijiet telematiċi għall-merkanzija (TAF, telematics applications for freight⁶). It-TSIs strutturali jkopru l-infrastruttura (INF, infrastructure⁷), l-enerġija (ENE, energy⁸), is-sikurezza fil-mini ferrovjarji (SRT, safety in railway tunnels⁹), l-aċċessibilità għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa (PRM, persons with reduced mobility¹⁰), il-lokomotivi u l-vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri (LOC, locomotives) (PAS, passenger¹¹), il-vaguni tal-

⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika ta' interoperabilità relatata mas-subsistema ta' "operat u ġestjoni tat-traffiku" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni 2012/757/UE, ĠU L 139I 27.5.2019, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/773/

⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità relatata mas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea, ĠU L 123 12.5.2011, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/454/>

⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1305/2014 tal-11 ta' Diċembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 62/2006, ĠU L 356 12.12.2014, p. 438, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1305/>

⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1299/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabilità relatati mas-subsistema tal-"infrastruttura" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea, ĠU L 356 12.12.2014, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1299/>

⁸ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1301/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabilità relatati mas-sottosistema tal-"enerġija" tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni, ĠU L 356 12.12.2014, p. 179, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1301/>

⁹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1303/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità relatata mas-"sikurezza fil-mini ferrovjarji" tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea, ĠU L 356 12.12.2014, p. 394, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1303/>

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1300/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-interoperabilità relatati mal-aċċessibilità tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni għall-persuni b'diżabbiltà u għall-persuni b'mobbiltà mnaqqsa, ĠU L 356 12.12.2014, p. 110, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1300/>

¹¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1302/2014 tat-18 ta' Novembru 2014 dwar speċifikazzjoni teknika għall-interoperabilità fir-rigward tas-subsistema tal-"Vetturi ferrovjarji – lokomotivi u vetturi ferrovjarji għat-trasport tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea, ĠU L 356, 12.12.2014, p. 228, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1302/>

merkanzija (WAG, wagons)¹²), l-istorbju tal-vetturi ferrovjarji (NOI, noise¹³) u l-kontroll-kmand u s-sinjalazzjoni (CCS, control-command and signalling¹⁴).

Minn Ġunju 2016, kien hemm żewġ ċikli ewlenin ta' reviżjoni tat-TSIs. Barra minn hekk, wara konsultazzjonijiet estensivi mal-partijiet ikkonċernati, f'Awwissu 2024 l-Aġenzija ntalbet tipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar reviżjonijiet futuri tat-TSIs (li jiddeskrivu pjan pluriennali għaċ-ċikli ta' reviżjoni li ġejjin tat-TSIs sal-2030 biex jitħejjew it-TSIs għal teknoloġiji ġodda), tagħlaq punti li għadhom miftuħa fejn ir-regoli nazzjonali jibqgħu applikabbli u/jew iżżid oqsma koperti b'mod inadegwat fil-verżjonijiet preċedenti tat-TSIs.

Fl-2019, it-TSIs kollha ġew riveduti¹⁵ biex jinġiebu konformi mar-raba' Pakkett Ferrovjarju. It-TSI OPE biss għaddiet minn reviżjoni aktar fil-fond.


Fl-2023, ġew riveduti tmien TSIs bil-għan li jinkisbu livelli ogħla ta' interoperabbiltà. Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kummissjoni dwar it-TSI CCS kien soġġett għar-riformulazzjoni u r-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar it-TSIs LOC u PAS, WAG, OPE, INF, ENE u PRM ġew emendati. Illustrazzjoni 3 tiġbor fil-qosor il-każijiet u l-punti speċifiċi li għadhom miftuħa wara dawn ir-reviżjonijiet.

¹² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 321/2013 tat-13 ta' Marzu 2013 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "vetturi ferrovjarji – vaguni tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jirrevoka d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/861/KE, ĠU L 104, 12.4.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/321/>

¹³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1304/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "vetturi ferrovjarji – storbju" li temenda d-Deċiżjoni 2008/232/KE u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/229/UE, ĠU L 356, 12.12.2014, p. 421, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/1304/>

¹⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1695 tal-10 ta' Awwissu 2023 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistemi tal-kontroll-kmand u sinjalazzjoni tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 2016/919, ĠU L 222, 8.9.2023, p. 380, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1695/

¹⁵ Tabella kronoloġika għat-TSIs kollha tista' tinstab f'<https://www.era.europa.eu/system/files/2022-10/TSIs%20chronology%20table.pdf?t=1718972267>. Din tinkludi d-dettalji tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni li aġġornaw TSI waħda jew aktar.



Illustrazzjoni 3: Każijiet speċifiċi u punti miftuħa għal kull TSI fit-30 ta' Ġunju 2024

a. It-TSIs LOC u PAS, WAG, NOI u CCS

- Awtorizzazzjoni unika għall-kowċis tal-passiġġieri

Fl-2023, ġew adottati wkoll dispożizzjonijiet għall-kowċis tal-passiġġieri simili għall-awtorizzazzjoni unika eżistenti madwar l-Ewropa kollha għall-vaguni tal-merkanzija. Dawn jistabbilixxu r-rekwiżiti tat-TSI li bihom l-Aġenzija tista' toħroġ awtorizzazzjonijiet tal-vetturi mingħajr ma jkollha tikkoopera mal-NSAs jekk ma jkun hemm l-ebda rekwiżit ta' regoli nazzjonali addizzjonali li jeħtieġ li jiġi vvalutat. Ir-rekwiżiti dwar il-kompatibbiltà elettromanjetika ġew inklużi fir-Regolament tal-Kummissjoni dwar it-TSI LOC u PAS. Biex jiġu armonizzati ulterjorment ir-rekwiżiti għall-kompatibbiltà elettromanjetika u biex l-awtorizzazzjoni tiġi ssimplifikata ulterjorment, ir-Regolament tal-Kummissjoni dwar it-TSI CCS jagħti mandat ukoll lill-Istati Membri biex jinnotifikaw lill-Aġenzija dwar l-ispeċifikazzjonijiet għall-apparat installat eżistenti kollu ta' detezzjoni tal-ferroviji maġenb il-binarij.

- Detezzjoni u prevenzjoni tad-deraljamenti tal-vaguni tal-merkanzija

Fir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar it-TSIs LOC u PAS u WAG, żdiedu rekwiżiti ulterjuri għall-funzjonijiet li jidentifikaw u jipprevjenu d-deraljamenti għall-vetturi mġhammra b'tali teknoloġija. Dan se jgħin biex tiżdied is-sikurezza ferrovjarja billi jiġu evitati jew mitigati l-konsegwenzi ta' deraljament ta' vettura.

- Limiti tal-istorbju u valutazzjoni tal-blokok tal-brejkijiet komposti fil-livell tal-kostitwent tal-interoperabbiltà

Ir-Regolament tal-Kummissjoni dwar it-TSI NOI japplika limiti fuq l-istorbju mill-modalitajiet stazzjonarji, tal-istartjar u tat-tranżitu tal-operazzjonijiet ferrovjarji u ġewwa l-kabina tas-sewwieq. Il-metodoloġiji għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni akustika tal-blokok tal-brejkijiet

komposti ġew stabbiliti wkoll sabiex jitnaqqsu aktar l-emissjonijiet tal-istorbju, kif stabbilit fid-Direttiva 2002/49/KE¹⁶.

- Qafas għall-ġestjoni tal-bidliet fl-ispeċifikazzjonijiet tat-TSI CCS (korrezzjoni tal-iżbalji, għoti ta' sett uniku ta' speċifikazzjonijiet, żgurar ta' twettiq sħiħ)

Biex l-armonizzazzjoni u l-interoperabbiltà jiġu avvanzati ulterjorment permezz tas-sistema Ewropea ta' kontroll-kmand u sinjalazzjoni, ir-Regolament tal-Kummissjoni dwar it-TSI CCS introduċa arranġamenti tranżitorji speċifiċi għar-rettifika tal-iżbalji. Il-prinċipju li jiġi pprovdut sett uniku ta' speċifikazzjonijiet ġie introdott flimkien mal-ġestjoni tal-verżjonijiet, inklużi adattamenti għal verżjonijiet ogħla eżistenti. Barra minn hekk, il-possibbiltà li tiġi ssodisfata parzjalment biss it-TSI tas-CCS tneħħiet u ġiet sostitwita b'arranġamenti tranżitorji speċifiċi.

- Titjib fit-TSI CCS (prontezza tal-ATO, tal-FRMCS u tad-DAC) u verżjonijiet tas-sistema

Biex tinkiseb diġitalizzazzjoni ferrovjarja ulterjuri, l-ispeċifikazzjonijiet eżistenti għat-tħaddim awtomatiku tal-ferroviji (ATO, automatic train operation) kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tal-interfaċċa għas-sistema ta' komunikazzjoni mobbli ferrovjarja futura (FRMCS, future rail mobile communication system) ġew miżjuda mar-Regolament tal-Kummissjoni dwar it-TSI CCS. Ġew stabbiliti wkoll rekwiżiti ulterjuri bil-ħsieb ta' konformità matul il-perjodu ta' tranżizzjoni sabiex titwitta t-triq għal integrazzjoni aktar mghagħġla tal-ispeċifikazzjonijiet disponibbli fil-futur (sett sħiħ ta' speċifikazzjonijiet għall-FRMCS, speċifikazzjonijiet għall-akkoppjament awtomatiku diġitali (DAC, digital automatic coupling)).

b. It-TSI OPE

- Diġitalizzazzjoni tal-komunikazzjoni

Ġew speċifikati l-mezzi diġitali ta' komunikazzjoni bejn il-maniġers tal-infrastruttura (IMs, infrastructure managers) u l-impriżi ferrovjarji (RUs, railway undertakings), jiġifieri l-kontrolli tal-kompatibbiltà tar-rotot, il-kotba tar-rotot u l-kotba tar-regoli. L-iskadenzi assoċjati tal-implimentazzjoni ġew iddeterminati wkoll fir-Regolament tal-Kummissjoni dwar it-TSI OPE.

F'Awwissu 2024, l-Aġenzija ntalbet tispeċifika ulterjorment il-mezzi diġitali għal komunikazzjonijiet oħra. Sadanittant, ir-reviżjoni tat-TSIs TAP u TAF ippjanata għall-2025 se tiddefinixxi wkoll il-mezzi diġitali għall-komunikazzjonijiet relatati mal-ġestjoni tal-kapaċità, il-ġestjoni tat-traffiku u t-thejjja tal-ferroviji.

- Ir-regoli operazzjonali tas-Sistema Ewropea ta' Kontroll tal-Ferroviji (ETCS, European Train Control System), it-tabelli ta' indikazzjoni u l-Istruzzjonijiet Ewropej

Saret armonizzazzjoni ulterjuri tar-regoli operazzjonali marbuta mat-tħaddim ibbażat fuq ir-radju tal-livell 2 tal-ETCS u tal-livell 3 tal-ETCS mingħajr sovrappożizzjoni tas-sinjalazzjoni

¹⁶ Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali, ĠU L 189, 18.7.2002, p. 12, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2002/49/oj>

tal-Klassi B u maġenb il-linja. Il-bidliet introduċew regoli operazzjonali ġodda kif ukoll oħrajn imfassla biex jikkomplementaw ir-regoli eżistenti.

Ġiet stabbilita kooperazzjoni mill-qrib mal-gruppi ta' standardizzazzjoni rilevanti dwar tabelli ta' indikazzjoni armonizzati (dawk eżistenti ottimizzati u oħrajn addizzjonali ġodda). It-tabelli ta' indikazzjoni armonizzati addizzjonali ġew inkorporati fir-regoli operazzjonali rilevanti tas-TSI OPE, u ġie indikat fejn it-tabelli ta' indikazzjoni għadhom mhumiex definiti.

Ġiet introdotta emenda għall-Istruzzjoni Ewropea bi tweġiba għall-ħtiġijiet tas-settur.

c. It-TSIs INF u ENE

• Infrastruttura

Il-kamp ta' applikazzjoni tat-TSIs ta' installazzjonijiet fissi (b'mod partikolari, ENE u INF) twessa'. Jekk jiġu implimentati aġġornamenti li għalihom hemm kriterju ta' prestazzjoni definit, issa hija meħtieġa konformità sħiħa ma' dawn it-TSIs fiż-żona ġeografika tal-iskema ta' aġġornament. Dan ma kienx il-każ taħt l-obbligu ta' konformità preċedenti, li kien biss parzjali. Il-miżura inkwistjoni hija mfassla biex taċċellera l-konformità mat-TSI tal-infrastruttura ferrovjarja u tgħin biex tittejjeb l-interoperabbiltà tan-networks ferrovjarji, u b'hekk tiġi evitata kwalunkwe restrizzjoni konsegwenzjali għall-operazzjonijiet ferrovjarji.

Fit-TSI ENE ġew introdotti dispożizzjonijiet oħra li jippermettu l-iċċarġjar tal-batteriji tat-trazzjoni u dwar l-użu ta' pantografi multipli.

d. It-TSI PRM

Fl-2023, ir-rekwiżit li l-korpi notifikati jwettqu żjarat fuq il-post biex jispezzjonaw is-subsistemi tal-infrastruttura reġa' ddaħħal biex jiġi żgurat li t-TSI PRM tkun ġiet infurzata b'mod korrett.

Ġew introdotti wkoll bidliet fir-regoli operazzjonali stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni dwar it-TSI PRM, pereżempju jekk servizz jiġi pprovdut biss f'parti ta' ferrovija li ma tkunx aċċessibbli għall-utenti tas-siġġu tar-roti, dan irid jiġi pprovdut lill-utenti tas-siġġu tar-roti fl-ispazju għas-siġġijiet tar-roti mingħajr ebda ħlas addizzjonali, sakemm ma jkunx impossibbli li s-servizz jiġi pprovdut f'dak l-ispazju. Għas-subsistemi tal-vetturi ferrovjarji, ġie introdott is-sinjal tas-sejbien tal-bibien bħala alternattiva għas-sinjal tal-ftuħ tal-bibien barra mill-ferrovija. Innovazzjoni oħra hija l-possibbiltà li jiġi eliminat is-sinjal tal-għeluq tal-bibien meta jkun hemm alternattivi (eż. purtieri tad-dawl, truf sensitivi) biex jiġi mitigat ir-riskju ta' korrimment għall-passiġġieri u għall-ekwipaġġ tal-ferrovija.

Żdiedet ukoll definizzjoni ta' siġġu tar-roti interoperabbli li jista' jinġarr bil-ferrovija. Din tiddekrivi l-karatteristiċi ta' siġġu tar-roti li jippermetti li l-karatteristiċi kollha tal-vetturi ferrovjarji ddisinjati għall-utenti tas-siġġijiet tar-roti jintużaw bis-sħiħ mill-passiġġier.

e. Trasport ikkombinat

Ġew emendati diversi TSIs fir-rigward tat-trasport ikkombinat¹⁷. Dawn il-bidliet, li jiffaċilitaw il-kodifikazzjoni tal-linji (TSI INF) skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/777¹⁸, il-vaguni u l-unitajiet ta' tagħbija intermodali (ILUs, intermodal loading units), jistabbilixxu regoli armonizzati komuni għat-tħaddim tat-trasport ikkombinat.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni dwar it-TSI WAG fih rekwiżit ġenerali relatat mal-apparat għall-irbit tal-ILUs, biex jiġi żgurat li dawn ikunu marbuta kif suppost waqt it-trasport biex jiġi evitat it-telf jew il-ħsara.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni dwar it-TSI OPE inkorpora regoli dwar il-kontrolli tal-kompatibbiltà tar-rotot u regoli operazzjonali relatati sabiex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat jgħaddu b'mod sikur u effiċjenti.

B'mod ġenerali, il-bidliet għandhom l-għan li jiffaċilitaw it-trasport ikkombinat billi jipprovdu regoli u rekwiżiti trasparenti għall-kodifikazzjoni tal-linji, il-vaguni u l-ILUs kif ukoll għat-tħaddim tat-trasport ikkombinat. Dan se jgħin biex jittejjbu l-effiċjenza u s-sikurezza operazzjonali tat-trasport ikkombinat u biex titnaqqas it-tagħbija amministrattiva fuq l-operaturi.

3. Implimentazzjoni tal-funzjonijiet tat-TSIs TAP u TAF

L-implimentazzjoni ta' applikazzjonijiet telematiċi ferrovjarji hija kruċjali biex jinkiseb trasport ferrovjarju mingħajr karti.

Ir-reviżjoni tat-TSIs TAF u TAP għandha tiġi ffinalizzata fl-2025. Dan se jiżgura l-konsistenza bejn l-aspetti komuni kemm għas-servizzi tal-merkanzija kif ukoll għas-servizzi tal-passiġġieri taħt Regolament uniku dwar it-TSI Telematika, li se tappoġġa l-kondiviżjoni tad-data għal:

- (1) il-ġestjoni tal-kapaċità u tat-traffiku kif ukoll it-tnejn tal-ferroviji;
- (2) il-ġestjoni tal-vaguni tal-merkanzija u l-ġarr tagħhom;
- (3) il-biljetti ferrovjarji u l-informazzjoni dwar il-passiġġieri.

Għan ieħor huwa li jissaħħaħ ir-rwol tal-Aġenzija bħala l-awtorità għas-sistemi telematiċi u li jiġi permess l-infurzar tar-Regolament futur dwar it-TSI Telematika billi jiġu applikati l-iskadenzi għall-implimentazzjoni flimkien ma' qafas ta' monitoraġġ u ta' valutazzjoni tal-konformità sorveljat mill-Aġenzija.

Sakemm jiġu introdotti skadenzi legalment vinkolanti għall-implimentazzjoni, il-pjanijiet regolatorji jipprovdu l-bażi għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet telematiċi fil-livell

¹⁷ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar l-istabbiliment ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-oġġetti bejn l-Istati Membri, ĠU L 368, 17.12.1992, p. 38, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/dir/1992/106/>

¹⁸ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/777 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjonijiet komuni għar-reġistru tal-infrastruttura ferrovjarja u li jħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE, ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 312, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/reg_impl/2019/777/


settorjali. Maħruġa fl-2013, il-pjanijiet regolatorji tat-TSI TAP¹⁹ u tat-TSI TAF²⁰ isostnu li l-implimentazzjoni kellha tiġi ffinalizzata sal-2020 għall-punt (3) ta' hawn fuq u sal-2021 għall-punti (1) u (2).

L-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) 2016/796 jirrikjedi li l-Aġenzija tgħin lill-Kummissjoni timmonitorja l-użu tal-ispeċifikazzjonijiet għall-applikazzjonijiet telematiċi. Għaldaqstant, l-Aġenzija tikkompila u tippubblika rapport annwali dwar il-progress dwar l-implimentazzjoni tal-funzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar it-TSIs TAP u TAF. Għal dan ir-rapport, il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-funzjonijiet ewlenin relatati mal-ġestjoni tal-kapaċità u tat-traffiku huwa muri fit-Tabella 1. Iċ-ċifri tal-implimentazzjoni huma riprodotti għall-manigġers tal-infrastruttura (IMs, infrastructure managers), l-impriżi ferrovjarji tal-merkanzija (F-RUs, freight railway undertakings) u l-impriżi ferrovjarji tal-passiġġieri (P-RUs, passenger railway undertakings) mir-rapporti tal-istatus tal-Aġenzija tal-2023²¹ dwar l-implimentazzjoni tat-TSIs TAF u TAP.

Skont il-pjanijiet regolatorji applikabbli tat-TSI TAF/TAP, l-istadji importanti fil-mira ta' implimentazzjoni għall-funzjonijiet li jappoġġaw il-ġestjoni tal-kapaċità kienu l-2017 għall-IMs u l-F-RUs u l-2018 għall-P-RUs.

Tabella 1: Implimentazzjoni ta' funzjonijiet ewlenin relatati mal-ġestjoni tal-kapaċità u tat-traffiku


Didaskalija applikabbli għall-mapep kollha li juru l-istatus ta' implimentazzjoni għal kull pajjiż: (i) aħdar – implimentat, (ii) aħdar skur – implimentazzjoni ppjanata għall-2024 jew għall-2025, (iii) isfar – implimentazzjoni ppjanata għall-2026 jew aktar tard, (iv) aħmar – l-ebda informazzjoni jew informazzjoni inkonsistenti. Għall-pajjiżi b'data minn aktar minn IM wieħed, iċ-ċifri jiddeskrivu l-IM bl-itwal network.




	Status ta' implimentazzjoni	Tbassir ta' implimentazzjoni għall-IMs
Ġestjoni tal-kapaċità		
Talba għall-mogħdija (PR, Path request)	IM: 43 % implimentat RU-F: 35 % implimentat RU-P: 41 % implimentat	 Status of PR implementation per country - PR implemented - PR implementation planned for 2024 or 2025 - PR implementation planned for 2026 or later - No or inconsistent information For countries with data from more than one IM, figures describe the IM with the longest network.

¹⁹ https://www.era.europa.eu/system/files/2022-11/tap_master_plan_delivery_en_0.pdf

²⁰ https://www.era.europa.eu/system/files/2022-11/taf_tsi_master_plan_en_0.pdf

²¹ Ir-rapporti tal-istatus tal-Aġenzija tal-2023 dwar l-implimentazzjoni tat-TSIs TAF/TAP: https://www.era.europa.eu/system/files/2024-11/agency_s%202023%20report%20era-rep-114-impl-2023%20on%20taf%20tsi%20implementation%20-%20di.pdf

	Status ta' implimentazzjoni	Tbassir ta' implimentazzjoni għall-IMs
<i>Ġestjoni tal-kapaċità</i>		
Dettalji tal-mogħdija (PD, Path details)	IM: 51 % implimentat RU-F: 43 % implimentat RU-P: 47 % implimentat	

	Status ta' implimentazzjoni	Tbassir ta' implimentazzjoni
<i>Ġestjoni tat-traffiku</i>		
Informazzjon i dwar it-tħaddim tal-ferrovija (TRI, Train running information)	IM: 61 % implimentat RU-F: 51 % implimentat RU-P: 56 % implimentat	
Informazzjon i dwar it-tbassir tal-ferrovija (TRF, Train forecast information)	IM: 49 % implimentat RU-F: 38 % implimentat RU-P: 40 % implimentat	
Kompożizzjo ni tal-ferrovija (TCM, Train composition)	IM: 53 % implimentat RU-F: 48 % implimentat RU-P: 48 % implimentat	

Għalkemm id-dewmien sistemiku affettwa l-implimentazzjoni, għandu jiġi enfasizzat li l-impenji tal-IMs, kif miġbura fl-istħarriġ tal-Aġenzija tal-2022, jissottolinjaw il-fatt li l-biċċa l-kbira tal-funzjonijiet li jappoġġaw il-ġestjoni tal-kapaċità u l-ġestjoni tat-traffiku kellhom jiġu implimentati u jitlestew matul l-2024 u l-2025, jiġifieri fil-ħin għall-perjodu tal-iskeda tal-2026.

4. Implimentazzjoni tar-reġistri (EVR, ERATV, RINF)

a. EVR

Biex jiġi żgurat li l-vetturi ferrovjarji mħaddma fiż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea jkunu jistgħu jiġu traċċati u l-istorja tagħhom ipplottjata, l-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) 2016/797 introduċa reġistri tal-vetturi ddedikati. Id-Direttiva tirrikjedi li kull Stat Membru jżomm reġistru nazzjonali tal-vetturi u jagħmlu aċċessibbli għall-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluża l-Aġenzija. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614²² tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għal Reġistru Ewropew tal-Vetturi (EVR, European Vehicle Register) biex jissostitwixxi r-Reġistru Virtuali Ċentralizzat Ewropew tal-Vetturi (ECVVR, European Centralised Virtual Vehicle Register). Dan ifisser li minflok reġistri nazzjonali deċentralizzati tal-vetturi magħmulin aċċessibbli permezz ta' magna komuni ta' tiftix u traduzzjoni bbażata fuq l-Aġenzija, id-data dwar ir-reġistrazzjoni tal-vetturi issa se tkun miżmuma ċentralment mill-Aġenzija. Din is-soluzzjoni toffri diversi vantaġġi peress li tnaqqas il-komplessità teknika u t-tagħbijiet amministrattivi. Fl-istess ħin, hija żżid id-disponibbiltà u l-kwalità tad-data billi tneħħi entrati duplikati.

L-EVR sar kompletament operazzjonali f'Novembru 2021. Sal-25 ta' Ġunju 2024, 17²³ mill-25 Stat Membru kkonċernat flimkien man-Norveġja kienu emigraw mill-ECVVR għas-sistema tal-EVR amministrata ċentralment. Franza tuża l-EVR, iżda d-data tagħha ma tinħażinx ċentralment. B'dan il-ħsieb, biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operat, l-ECVVR se jibqa' jintuża b'mod regolari sakemm titlesta l-migrazzjoni tad-data. B'kollox, aktar minn 1,2 miljun vettura (inklużi vetturi validi, sospiżi u rtirati) huma rreġistrati fl-ECVVR/EVR.

It-Tabella 2 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-vetturi bi status validu/attiv irreġistrati fl-ECVVR/EVR skont it-tip ta' vettura (data estratta f'Ġunju 2024). Il-vetturi inklużi fl-ECVVR/EVR huma mistennija li jammontaw għal 80 % jew aktar tal-vetturi.

Tabella 2: Vetturi b'reġistrazzjoni valida rreġistrati fl-ECVVR/EVR (Ġunju 2024)

Kategorija tal-vetturi	Numru ta' vetturi
------------------------	-------------------

²² Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1614 tal-25 ta' Ottubru 2018 li tistabbilixxi l-ispeċifikazzjonijiet għar-reġistri tal-vetturi msemmija fl-Artikolu 47 tad-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li temenda u tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/756/KE, ĠU L 268, 26.10.2018, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2018/1614/

²³ Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Greċja, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja, is-Slovakkja, il-Finlandja, u l-Iżvezja

	(reġistrazzjoni valida)
Vetturi trattivi - Lokomottiva diżil	11 287
Vetturi trattivi - Magna shunting diżil	6 108
Vetturi trattivi - Lokomottiva elettrika	14 623
Vetturi trattivi - Magna shunting elettrika	602
Vetturi trattivi - Sett ta' unitajiet multipli diżil	17 285
Vetturi trattivi - Sett ta' unitajiet multipli elettriċi (minbarra veloċità għolja)	58 982
Vetturi trattivi - Sett ta' unitajiet multipli elettriċi (veloċità għolja)	13 487
Vetturi trattivi - Mixxellanji	6 895
Vetturi trattivi - Vettura speċjali	18 316
Vetturi trattivi - Trejler speċjalizzat	2 540
Vagun	637 260
Vetturi tal-passiġġieri rmunkati - Vetturi għat-traffiku domestiku	30 855
Vetturi tal-passiġġieri rmunkati - Vetturi bl-arja kkundizzjonata u ssiġillati	4 834
Vetturi tal-passiġġieri rmunkati - Vetturi ta' servizz	10 371
Gran total	833 445

Sors: ECVVR/EVR

Bħal fil-każ ta' reġistri oħra tal-Aġenzija, l-affidabbiltà tad-data tiddependi minn kemm l-informazzjoni pprovduta tkun akkurata, kompluta u aġġornata. Dan huwa partikolarment importanti meta l-informazzjoni tiġi marbuta/imqabbla minn diversi reġistri.

b. ERATV

Skont l-Artikolu 48 tad-Direttiva (UE) 2016/797, ir-reġistru ERATV²⁴ fih data dwar it-tipi ta' vetturi awtorizzati. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni tiegħu huma stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/665/UE²⁵ dwar ir-reġistru Ewropew tat-tipi ta' vetturi ferrovjarji awtorizzati. Ospitat mill-Aġenzija, l-ERATV ilu jopera minn Jannar 2013. Id-data tal-ERATV issir disponibbli għall-pubbliku ladarba tkun ġiet sottomessa mill-entità awtorizzanti (l-NSAs jew l-Aġenzija).

L-ERATV huwa maħsub għall-użu flimkien ma' reġistri u bażijiet tad-data oħra, b'mod partikolari mal-EVR (it-Taqsima 4.a ta' dan ir-rapport) u l-RINF (it-Taqsima 4.c ta' dan ir-rapport). Meta vettura tiġi rreġistrata f'reġistru tal-vetturi, l-identifikazzjoni fl-ERATV (ID tat-Tip) tat-tip ta' vettura awtorizzata (jew verżjoni jew varjant) li tikkonforma magħha, trid tiġi indikata meta tkun disponibbli. Din l-ID tat-Tip tagħmel il-karatteristiċi tekniċi ta' vettura jistgħu jiġu rkuprati mill-ERATV.

²⁴ <https://eratv.era.europa.eu/eratv>

²⁵ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Ottubru 2011 dwar ir-reġistru Ewropew tat-tipi ta' vetturi ferrovjarji awtorizzati, ĠU L 264, 8.10.2011, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2011/665/

L-ERATV fih aktar minn 6 000 awtorizzazzjoni tat-tip. Bħal fil-każ ta' reġistri oħra tal-Aġenzija, l-affidabbiltà tad-data tiddependi minn kemm l-informazzjoni pprovduta tkun aġġornata u kompluta. L-Aġenzija ma hijiex responsabbli għall-informazzjoni sottomessa u ppubblikata fl-ERATV. Il-kwalità tad-data hija mistennija li tkun għolja peress li d-dettalji pprovduti jiġu vverifikati matul il-proċessi ta' awtorizzazzjoni tal-vetturi.

c. Ir-Reġistru tal-Infrastruttura (RINF, Register of Infrastructure)

L-għan ewlieni tal-RINF huwa li l-karatteristiċi tan-network tal-infrastruttura ferrovjarja tal-UE jkunu disponibbli fil-forma ta' bażi tad-data ta' referenza. Bħala tali, l-RINF hija l-għodda ewlenija tal-IT għad-deskrizzjoni tal-karatteristiċi u l-kapaċitajiet tan-networks ferrovjarji madwar l-Ewropa. Dan huwa stabbilit fl-Artikolu 49 tad-Direttiva (UE) 2016/797 u regolat mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/777²⁶. L-interfaċċa komuni kompjuterizzata tal-utent (CUI, common user interface), wara dan ir-reġistru, li tissimplifika t-ftitxijiet tad-data dwar l-infrastruttura, ilha disponibbli għall-pubbliku minn Marzu 2015²⁷.

Sal-bidu tal-2024, kien iddaħħal mill-anqas parametru tekniku wieħed għal madwar 92 % tan-networks ferrovjarji tal-Istati Membri²⁸ fil-bażi tad-data. Mill-1 ta' Jannar 2021, ċerti parametri kienu obbligatorji għal sezzjonijiet tal-linji (SoLs, sections of lines) u punti operazzjonali (OPs, operational points); rispettivament, dawn issa huma 78 % u 83 % kompluti.

Bħal fil-każ ta' bażijiet tad-data oħra, l-utilità hija bbażata fuq il-kompletezza tad-data li tinsab fil-bażi tad-data.

L-affidabbiltà tad-data tal-RINF tiddependi mill-akkuratezza tal-inputs taħt ir-responsabbiltà tal-IMs. Din l-akkuratezza nstabet li hija varjabbli. L-akkuratezza hija kruċjali biex il-bażi tad-data tkun effettiva (redditu fuq l-investment) u biex l-RUs jissodisfaw l-obbligi tagħhom, pereżempju għall-kontrolli tal-kompatibbiltà bejn il-vettura u r-rotot u l-aggregazzjonijiet tal-kotba tar-rotot.

5. Każijiet ta' nuqqas ta' applikazzjoni tat-TSIs

Bejn is-16 ta' Ġunju 2016 u t-30 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni rċeviet 273 talba għal nuqqas ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-TSIs mill-Istati Membri tal-UE²⁹ u n-Norveġja. L-Illustrazzjoni 1 turi d-distribuzzjoni annwali ta' dawn il-każijiet. Fis-7 snin (kalendarji sħaħ)

²⁶ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/777 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjonijiet komuni għar-reġistru tal-infrastruttura ferrovjarja u li jħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/880/UE, ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 312, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/777/


²⁷ <https://data-interop.era.europa.eu>

²⁸ L-EU-27 nieqsa l-Irlanda, Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji, *Report on railway safety and interoperability in the EU 2024*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, <https://data.europa.eu/doi/10.2821/64343>


²⁹ Inkluż ir-Renju Unit sal-2021. Iċ-ċifri juru numri għall-2016 kollha; tlieta minn dawn is-16-il talba għal nuqqas ta' applikazzjoni waslu qabel id-dħul fis-seħħ tar-raba' Pakkett Ferrovjarju.

ta' qabel l-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/797, jgħifieri bejn l-2009 u l-2015, ġew sottomessi 102 talbiet għal nuqqas ta' applikazzjoni. Fis-7 snin (kalendarji sħaħ) mill-adozzjoni, dan l-għadd żdied b'aktar mid-doppju, b'228 talba għal nuqqas ta' applikazzjoni sottomessi bejn l-2017 u l-2023. Fl-istess perjodu, l-għadd ta' talbiet li jsemmu stadju avanzat ta' żvilupp (ASD, advanced stage of development) biex jiġġustifikawhom ukoll żdied b'aktar mid-doppju (minn 80 għal 169), filwaqt li t-talbiet iġġustifikati fuq il-bażi tal-vijabbiltà ekonomika żdiedu b'erba' darbiet (minn 12 għal 51 – ara l-Illustrazzjoni 4). Barra minn hekk, kien hemm żieda ta' sitt darbiet fl-għadd ta' talbiet relatati mat-TSI CCS (minn 25 għal 163) matul l-istess perjodu (Illustrazzjoni 5). Dawn iż-żidiet wasslu għal żieda konsiderevoli fl-ammont ta' xogħol tas-servizzi tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija fir-rigward tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u t-talbiet li jikkwotaw il-vijabbiltà ekonomika fir-rigward tad-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni.


Mill-adozzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/797, il-maġġoranza tal-każijiet kienu jikkonċernaw in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' komponenti tat-TSI CCS (Illustrazzjoni 6). Iż-żidiet fl-għadd totali ta' każijiet, fit-talbiet relatati mas-CCS u fit-talbiet abbażi ta' ASD (Illustrazzjoni 7) kollha laħqu l-ogħla livell fl-2017, fl-2019 u fl-2024. Dan jikkoinċidi mal-adozzjoni tar-raba' Pakkett Ferrovjarju fl-2016 u pakketti ewlenin dwar it-TSIs fl-2019 u l-2023. It-talbiet għal nuqqas ta' applikazzjoni jvarjaw bejn l-Istati Membri (Illustrazzjoni 8), li huwa biss parzjalment minħabba d-daqsijiet differenti tan-networks ferrovjarji nazzjonali.




Illustrazzjoni 4: Talbiet għal nuqqas ta' applikazzjoni fis-sena (2016-2024, fejn l-2024 tinkludi talbiet sottomessi sat-30 ta' Ġunju)




Illustrazzjoni 5: Talbiet għal nuqqas ta' applikazzjoni 2017-2023 meta mqabbla mal-perjodu 2009-2015, skont il-ġustifikazzjoni



Illustrazzjoni 6: Talbiet għal nuqqas ta' applikazzjoni 2017-2023 meta mqabbla mal-perjodu 2009-2015, skont it-TSI



Illustrazzjoni 7: Talbiet għal nuqqas ta' applikazzjoni skont it-TSI u s-sena (2016-2024, fejn l-2024 tinkludi talbiet sottomessi sat-30 ta' Ġunju)



Illustrazzjoni 8: Talbiet għal nuqqas ta' applikazzjoni għal kull Stat Membru tal-EU-27 u n-Norveġja (2017-2024, fejn l-2024 tinkludi talbiet sottomessi sat-30 ta' Ġunju).

6. Deċiżjonijiet tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (ERA): awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq ta' tipi ta' vetturi u vetturi, approvazzjonijiet tal-ERTMS maġenb il-binarij

Meta daħal fis-seħħ ir-raba' Pakkett Ferrovjarju, l-Aġenzija saret responsabbli għall-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq ta' vetturi ferrovjarji. Dan jinvolve prinċipalment il-lokomottivi, il-kowċis tal-passiġġieri u l-vaguni. Għal-lokomottivi u l-ferroviji tal-passiġġieri, l-applikanti jridu japplikaw mal-Aġenzija għall-awtorizzazzjoni jekk iż-żona tal-użu tkopri aktar minn Stat Membru wieħed. Jekk iż-żona tal-użu tal-vettura tkun limitata għal Stat Membru wieħed, l-applikanti jistgħu jagħżlu li japplikaw jew mal-Aġenzija jew mal-awtorità ferrovjarja nazzjonali rispettiva.

Sat-30 ta' Ġunju 2024, l-Aġenzija kienet irċeviet 7 825 applikazzjoni għal awtorizzazzjonijiet ta' vetturi, inklużi 872 applikazzjoni għal awtorizzazzjonijiet tat-tip u 6 953 applikazzjoni għal awtorizzazzjonijiet li jinvolve konformità mat-tip (Tabella 3). Dawn in-numri jinkludu 198 talba ta' impenn preliminari (11 għal awtorizzazzjonijiet li jinvolve konformità mat-tip u 187 għal awtorizzazzjonijiet tat-tip). Għall-vetturi użati fi Stat Membru wieħed biss, il-biċċa l-kbira tal-applikanti xorta jiddeċiedu li japplikaw mal-awtorità nazzjonali għall-awtorizzazzjoni, iżda xi applikanti sempliċement jużaw l-Aġenzija, u b'hekk jibbenefikaw bis-siġġir minn punt uniku ta' kuntatt għall-awtorizzazzjonijiet kollha, irrispettivament miż-żona tal-użu.

Tabella 3: L-għadd ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjonijiet tal-vetturi pproċessati mill-ERA u mill-NSAs bejn Ġunju 2019 u Ġunju 2024 (Sors: Punt Uniku ta' Servizz)

	ERA		NSA	
	Nru ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni	Nru ta' talbiet ta' impenn preliminari	Nru ta' applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni	Nru ta' talbiet ta' impenn preliminari
Awtorizzazzjoni li tinvolvi l-konformità mat-tip	6 942	11	4 383	13
Awtorizzazzjonijiet tat-tip	685	187	1 174	235
Totali	7 627	198	5 557	248
	7 825		5 805	

7. Deċiżjonijiet tal-NSAs: awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz ta' installazzjonijiet fissi, inkluża l-ERTMS maġenb il-binarij

L-NSAs huma responsabbli għall-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-servizz ta' installazzjonijiet fissi (l-infrastruttura, l-enerġija u s-subsistemi ta' kontroll-kmand u sinjalazzjoni maġenb il-binarij). Madankollu, qabel kwalunkwe sejħa għall-offerti li tinvolvi tagħmir tal-ERTMS maġenb il-binarij, l-Aġenzija tivverifika jekk is-soluzzjonijiet tekniċi li jkunu qed jiġu kkunsidrati jkunux kompletament konformi mat-TSIs rilevanti u għalhekk kompletament interoperabbli bħala parti mill-proċess ta' approvazzjoni tal-ERTMS maġenb il-binarij.

F'Ġunju 2024, kien hemm 125 applikazzjoni għaddejja. Mill-2019 'l hawn, inħarġu 19-il approvazzjoni. 65 % tal-applikazzjonijiet huma relatati mal-ETCS u 26 % mat-tagħmir tas-Sistema Globali għall-Komunikazzjoni Mobbli – Ferroviji (GSM-R, Global System for Mobile Communications – Railway), bid-9 % l-oħra jkunu relatati ma' applikazzjonijiet sħaħ tal-ERTMS, jiġifieri kemm l-ETCS kif ukoll il-GSM-R.

Minħabba l-modi differenti li bihom ġiet trasposta d-Direttiva (UE) 2016/797, inkluż l-Artikolu 18 rilevanti, u l-approċċi diverġenti sussegwenti mill-Istati Membri għall-proċess ta' awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-servizz, il-Kummissjoni u l-Aġenzija bħalissa qegħdin jeżaminaw jekk hemmx bżonn li tinħareġ gwida addizzjonali għal approċċ aktar armonizzat.

8. Ftehimiet ta' kooperazzjoni konklużi bejn l-Aġenzija u l-NSAs

Il-ftehimiet ta' kooperazzjoni huma ftehimiet bejn l-Aġenzija u l-NSAs. Huma jappoġġaw it-twassil f'waqt u komprensiv ta' deċiżjonijiet kumplessi tal-Aġenzija li jkopru l-valutazzjonijiet tal-konformità kemm mar-regoli Ewropej kif ukoll ma' daww nazzjonali dwar is-sikurezza u l-interoperabbiltà. Hemm żewġ tipi ta' ftehimiet ta' kooperazzjoni:

- ftehimiet ta' kooperazzjoni obligatorji mal-NSAs;
- ftehimiet ta' kooperazzjoni volontarji (magħrufa bħala ftehimiet ta' grupp ta' esperti ("PoE", pool of experts)).

Il-ftehimiet obligatorji huma bbażati fuq l-Artikolu 76 tar-Regolament (UE) 2016/796. Huma jirregolaw kif il-kompiti jiġu kondiviżi bejn l-Aġenzija u l-NSAs għall-għoti taċ-ċertifikati uniċi tas-sikurezza (SSCs, single safety certificates) u l-awtorizzazzjonijiet tal-vetturi (VAs, vehicle authorisations). Dawn jinkludu dispożizzjonijiet dettaljati dwar kif l-awtoritajiet nazzjonali jikkooperaw kuljum mal-Aġenzija dwar id-deċiżjonijiet biex jinħarġu VAs u SSCs.

Barra minn hekk, il-ftehimiet ta' kooperazzjoni volontarji tal-PoE jipprovdu l-pjattaforma legali għall-kondiviżjoni tal-għarfien espert u l-assenjazzjoni ta' esperti lill-NSAs jew lill-Aġenzija sabiex jiġu vvalutati applikazzjonijiet speċifiċi tal-SSC jew tal-VA.

L-Aġenzija ffirmat ftehimiet ta' kooperazzjoni obligatorji mal-25 NSA kollha fl-UE flimkien mal-NSA tan-Norveġja. Hija kkonkludiet ukoll ftehim mal-NSA fl-Irlanda ta' Fuq dwar il-VAs bħala parti mill-mandat tal-UE skont il-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit. Barra minn hekk, l-Aġenzija ffirmat ftehimiet ta' kooperazzjoni volontarji ma' 18-il NSA mill-UE³⁰ kif ukoll ftehimiet mal-Iżvizzera u n-Norveġja.

9. Konklużjoni

Sar progress sostanzjali lejn interoperabbiltà ferrovjarja Ewropea akbar minn meta ġiet adottata d-Direttiva (UE) 2016/797 f'Mejju 2016, kif muri mir-reviżjonijiet tat-TSIs tal-2019 u l-2023, il-ġestjoni mill-ERA tar-reġistri ferrovjarji komuni Ewropej u l-ftehimiet ta' kooperazzjoni konklużi bejn l-Aġenzija u l-NSAs. Madankollu, għad fadal ostakli. Pereżempju, iż-żieda fl-

³⁰ Il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, in-Netherlands, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, il-Finlandja, u l-Iżvezja

għadd ta' talbiet għal nuqqas ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-TSIs, b'mod partikolari dwar l-ERTMS, tindika diffikultajiet fl-implimentazzjoni sħiħa tat-TSI CCS. Ir-reġistri jbatu fil-prattika minn livelli baxxi ta' diġitalizzazzjoni. Id-differenzi f'termini tat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/797 u r-responsabbiltajiet indipendenti li jifdal tal-NSAs waqt li jwettqu l-kompiti tagħhom ta' awtorizzazzjoni tan-network ferrovjarju tal-UE, ikomplu juru varjazzjonijiet nazzjonali fejn tkun meħtieġa armonizzazzjoni akbar biex jinħolqu effiċjenzi tan-network u kostijiet operatorji aktar baxxi għall-benefiċċju tal-utenti u tal-industriji ferrovjarji Ewropej.